# *MAESTRO ANTON MIRUZZI*
## *(1867 - 1944)*

*Grazio A. Grech*

F'Ottubru tas-sena l-oħra ħabat għeluq il-ħamsin anniversarju mill-mewt tal-mużiċista, kompożitur u surmast-direttur ta' diversi baned, Mro Anton Miruzzi.

Twieled il-Furjana fl-10 ta' Ottubru, 1867 u kien bin Ġużepp u Mikelina, imwielda Brincat. Tilef il-ġenituri tiegħu ta' età żgħira u għalhekk iċ-ċkejken Anton kellu jissieħeb fl-orfni tal-belt Valletta.

Mro Anton Miruzzi tgħallem il-mużika taħt zijuh Mro Paolo Miruzzi, li kien surmast-direttur tal-Banda La Valette tal-belt Valletta. Mro Anton Miruzzi kellu ambizzjoni kbira għad-direzzjoni. Din wasslitu biex jimbarka fuq vapur bħala mużiċista, iżda, meta dan ma rnexxilux, reġa' ġie Malta.

Imħeġġeġ aktar għall-arti mużikali mar Tunis wara li talbuh xi Maltin t'hemm u fiż-żmien li dam hemm waqqaf għaqda mużikali. Minħabba l-mard, hu u martu kellhom jerġgħu lura Malta.

Il-ħbiberija intima li laħqet trawmet bejn il-baned Leone u La Valette m'hemmx dubju li wasslet biex meta Mro Paolo Miruzzi, iz-ziju ta' Mro Anton Miruzzi, għadda xi żmien ta' konvalexxenza f'Għawdex, tħabbeb mhux ħażin mal-banda Leone. Is-sur Karmenu Mercieca (1874-1966) fil-bidu tas-Snin Sittin qalli personalment li Mro Paolo Miruzzi kien midħla sewwa tal-banda Leone.

Dan jikkonfermawh mhux biss il-bċejjeċ mużikali komposti minn Mro Paolo Miruzzi li l-banda Leone kienet iddoqq f'nofs is-snin 1880 imma wkoll il-bċejjeċ mużikali li l-istess banda għandha minn tiegħu fl-arkivju mużikali tagħha. Iżda l-akbar wirja ta' ħbiberija u stima li l-baned Leone u La Valette kellhom lejn Mro Paolo Miruzzi wrewha fil-funeral tiegħu meta l-kadavru tiegħu ntrefa' mill-isptar ta' Għawdex, fejn miet, sal-knisja katidrali ta' Għawdex, minn erba' bandisti tal-banda La Valette u tnejn tal-banda Leone:



*Mro Anton Miruzzi, Surmast Direttur tal-Banda Nicolò Isouard bejn l-1894 u l-1909.*

"... è stato trasportato sulle spalle da quattro della banda La Valette e due della banda Leone..."

**MAĦTUR SURMAST-DIRETTUR**
M'hemmx dubju, għalhekk, li din il-ħbiberija tal-banda Leone ma' Mro Paolo Miruzzi, wasslet biex kmieni fis-snin 1890 Mro Anton Miruzzi jiġi maħtur surmast-direttur tal-banda Leone ta' Għawdex.

Ta' min isemmi li f'dawk iż-żminijiet Mro A. Miruzzi, li kien għadu fil-bidu tal-karriera mużikali tiegħu, l-unika ambizzjoni li kellu kienet li jidderieġi. Nafu wkoll li Mro A. Miruzzi f'kull programm importanti kien iżanżan xi xogħol mużikali tiegħu. Ġeneralment kien jibda jew jispiċċa l-programmi tiegħu b'valz jew polka.

Dan joħroġ ċar minn diversi programmi. Fil-festa ta' San Koloġeru tas-sena 1893, ċċelebrata f'Awissu fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani fil-belt Victoria, Għawdex, il-banda Leone bdiet wieħed mill-programmi li daqqet b'Passio Doppio, *Rank of Corporal*, waqt li fl-ieħor esegwiet il-valz *Il Pensiero*, it-tnejn komposti minn Mro A. Miruzzi. Għall-festa ta' Santa Marija 1893, iċċelebrata wkoll fil-belt Victoria, insibu li l-programm li l-banda Leone daqqet f'nhar il-15 ta' Awissu nbeda bil-Passio Doppio *San Paolo* u ngħalaq bid-daqq tal-polka *La Promessa*, kompożizzjoni mużikali wkoll ta' Mro A. Miruzzi.

Issa li d-direzzjoni ma baqgħetx aktar ambizzjoni għal Mro A. Miruzzi iżda saret realtà, it-triq li qabad ma tantx kienet watja. Iżda l-ħila, il-kapaċità u d-dedikazzjoni li kellu wassluh biex sal-bidu tas-Snin Tletin, meta rtira, Mro A. Miruzzi nħatar surmast-direttur ta' diversi baned oħra Maltin.

Fost dawn il-baned insibu Nicolò Isouard tal-Mosta, La Valette tal-Belt

Valletta, I Cavalieri di Malta ta' Tas-Sliema, San Ġużepp tal-Ħamrun, San Piju X ta' Ħal Lija, San Andrija ta' Ħal Luqa u Beland taż–Żejtun. Insibu wkoll li fis-Snin Għoxrin Mro A. Miruzzi kien ukoll surmast-direttur tal-Banda Santa Marija tal-Mosta. [1]

Ma' dawn ta' min isemmi wkoll li Mro A. Miruzzi fl-1910 kien inħatar surmast-direttur tal-banda ta' l-orfni tal-Gvern: "... maestro Antonio Miruzzi è stato nominato direttore della banda dell'Orfanatrofio del Governo...," waqt li fl-1898, fi ħdan il-banda La Valette, waqqaf l-orkestra mandolinistika La Valette li biha kien jagħti wirjiet f'diversi postijiet f'Malta.

Matul il-karriera mużikali tiegħu hu għadda wkoll minn mumenti koroh bħal meta fl-1898 kellu xi jgħid mas-Surmast Kav. Alfred Hare tal-Banda King's Own.

Iżda s-suċċessi lanqas ma naqsu. Fost dawn ta' min isemmi meta fl-1898 f'Malta ġie ċċelebrat il-Ġublew tad-Djamanti tar-Reġina Victoria u l-baned kollha ta' Malta u Għawdex kienu ħadu sehem. Kienu wkoll taw kontribut kulturali f'dawn il-festi l-baned La Valette ta' Tunis u La Internazionale ta' Tripli.

Nhar is-26 ta' Ġunju, 1898 f'Kospikwa Mro A. Miruzzi kien idderieġa programm mużikali tal-banda La Valette ta' Tunis, meta fost bċejjeċ mużikali komposti minnu, indaqqu l-overture *La Panseuse* u l-*Fantasie Arabe.*

Fl-1902 il-banda I Cavalieri di Malta ta' Tas-Sliema, taħt it-tmexxija ta' Mro A. Miruzzi, żanżnet innu lill-Madonna, kompożizzjoni mużikali ta' Mro A. Miruzzi: "... il-nuovo inno alla Vergine composto del direttore della Filarm. I Cavalieri di Malta, Mro A. Miruzzi..."

Fil-festa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun fl-1901 il-banda San Ġużepp tal-Ħamrun żanżnet ukoll l-Innu lil San Gejtanu, kompożizzjoni mużikali ta' Mro A. Miruzzi. Fl-1926 fil-festa ta' Santa Marija f'Ħ'Attard, il-banda Konti Ruġġieru daqqet ukoll Innu lill-Madonna, kompożizzjoni oħra ta' Mro A. Miruzzi.

Waqt programm li sar mill-banda San Ġużepp tal-Ħamrun fl-1905 taħt id-direzzjoni ta' Mro A. Miruzzi, il-Markiż G. Scicluna ppreżenta rigal tal-fidda lil Mro A. Miruzzi: "... porta sigarette d'argento al bravissimo Maestro Miruzzi del banda S. Giuseppe, Ħamrun..."

Fis-sena 1910 il-banda San Ġużepp tal-Ħamrun taħt it-tmexxija ta' Mro A. Miruzzi flimkien mal-banda La Valette tal-Belt Valletta, ħadu sehem fil-festa Autunnale all'Argotti li saret fid-9 ta' Settembru. Dakinhar il-banda San Ġużepp daqqet għall-ewwel darba valz u serenata, kompożizzjoni mużikali ta' Mro A. Miruzzi. Dawn kienu ippremjati f'Firenze u Perugia rispettivament: "...per la prima volta un valzer, premiato a Firenze ed una serenata, premiata a Perugia, composizione del bravo Maestro Sig. A. Miruzzi..." Kienet ukoll daqqet Marcia ta' Miruzzi, li wkoll kienet ġiet ippremjata f'Perugia.

Nhar it-23 ta' Ottubru, 1910 fi programm mużikali bil-banda San Ġużepp tal-Ħamrun, Mro A. Miruzzi daqq ukoll kompożizzjonijiet minn tiegħu, fosthom il-fantasia *L'Ideale*, li biha kien rebaħ diploma ta' l-unur: "... i pezzi di composizione dell'egregio valoroso quanto modesto maestro Miruzzi cioè una marcia, una serenata, e una grande fantasia del titolo 'L'Ideale' che procacciarono al distinto autore il diploma d'Onore del Concorso dei Maestri di Musica, a Perugia e a Firenze..."

M'hemmx dubju li l-kullana ta' suċċessi ta' Mro A. Miruzzi kompliet tiżdied bil-mawriet tal-banda San Ġużepp tal-Ħamrun fi Sqallija u fl-Italja.

Il-banda li Mro A. Miruzzi baqa' surmast-direttur tagħha sa meta rtira kienet il-banda Beland taż-Żejtun. L-aħħar programm li dderieġa mal-banda San Ġużepp tal-Ħamrun kien nhar it-30 ta' Settembru, 1928, meta fost bċejjeċ oħra mużikali, il-banda esegwiet dawn it-tliet kompożizzjonijiet ta' Mro A. Miruzzi: *Mattina e Sera, La Tunisina* u *La Vecchiana.*

**KOMPOŻIZZJONIJIET**

M'hemmx dubju li Mro A. Miruzzi ħalla għadd ta' kompożizzjonijiet mużikali fl-arkivji tal-baned li tagħhom kien surmast-direttur. Infatti nafu li għandu għadd ta' kompożizzjonijiet mużikali varji. Uħud minnhom huma wkoll ippremjati f'konkorsi internazzjonali waqt li oħrajn għadhom sallum jindaqqu minn diversi baned.

Il-lista vasta ta' kompożizzjonijiet tinkludi għadd ta' marċi kif ukoll marċi funebri. Fost il-marċi nsibu: *Our President, Last Time, Cuore, Vita Musicale, La Bizarra, Zoe, Un Saluto a Siracusa,* u *La Joyluse.* Minn dawn il-marċi ta' min isemmi li l-marcia *Last Time* indaqqet fl-1895 waqt li *Our President,* dedikata lill-Avukat Fortunato Mizzi, indaqqet mill-banda La Valette fil-festa ta' San Duminku fit-3 ta' Awissu, 1897.

Fost l-għadd ta' marċi funebri li jinsabu fl-arkivji tal-baned insibu li fl-arkivju tal-banda Leone ta' Għawdex hemm marċ funebri minn tiegħu li jġib id-data tas-7 ta' Marzu,1894. Uħud minn dawn il-marċi huma bla isem, iżda fost dawk li għandhom isem insibu: *Giorno di Pianto, Remembranze, Venerdì Santo, Cordoglio, Una Lacrima, Pianto, Tristi Pensieri, Sconforto, Ai Miei Cari, Triste Conforto* u *Dolore*. Ta' min isemmi wkoll li l-aħħar erba' minn dawn il-marċi funebri kienu ndaqqu mill-banda San Ġużepp tal-Ħamrun fl-1927 meta l-banda kienet ħadet sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Belt Valletta.

Mużika oħra komposta minn Mro A. Miruzzi tinkludi l-valzi *Il-Pensiero, Sole e Mesta, Mille Baci, La Moracchina, La Spagnola, Maltese Bells, Tempo Fa, Mes Compliments*; il-gavotti *Amor Discreto* u *Carezze*; l-overture *La Panseuse*; il-marċi sinfoniċi *Omaggio a Nicolò Isouard, Enea, Machilita, Mattina e Sera, San Giuseppe u Riconescenza*. Mro A. Miruzzi għandu wkoll il-fanatasiji *Amor Proibito, l-Ideale* u l-*Fantasie Arabe*.

Ma' dawn Mro A. Miruzzi għandu wkoll il-passi doppji *San Paolo* u *Rank of Corporal*; is-serenata *A Mezza Notte*; id-danza *La Tunisina*; kapriċċ għal żewġ ottavini *I Due Birrichini*, il-melodija *Dopo Mezza Notte*; il-polki *La Promessa, Cecil, Verba*, kif ukoll mużika sagra, quadrilli, marċi brijużi u diversi innijiet.

Fost l-innijiet ta' min isemmi l-innu *Maria Vergine Stella del Mare* ta' Tas-Sliema, l-innu ta' *San Gejtanu* tal-Ħamrun, l-innu *Alla Beata Maria Vergine* tal-Mosta, l-innu *Lil San Andrija* ta' Ħal Luqa, l-innu *Lis-Salvatur* ta' Ħal Lija u fl-1927 il-banda Konti Ruġġieru fil-festa tan-Naxxar daqqet l-innu *A Maria Vergine con voci puerili.*

Ma' dawn ta' min jgħid ukoll li Mro A. Miruzzi kkompona l-innu tal-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta, ta' San Andrija ta' Ħal Luqa kif ukoll ta' San Ġużepp tal-Ħamrun.

Mro A. Miruzzi rtira mill-karriera tad-direzzjoni fil-bidu tas-Snin Tletin. Madankollu nsibu li fis-sena 1933 hu rregala marċ lill-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun għall-festa ta' San Gejtanu... "... quest'anno, onorare la sua vecchia banda con un gentile dono di un marcia musicale per la festa di S. Gaetano, pezzo musicale di stile moderno, difficile a suonare..."

Mro Anton Miruzzi kien miżżewweġ lil Konċetta, imwielda Cauchi. Mro A.




*Silta mill-**Inno Alla Beata Maria Vergine,***
*kompożizzjoni ta' Anton Miruzzi*
*għall-Banda Nicolò Isouard.*

Miruzzi rtira bil-pensjoni fl-1932. Hu miet fit-23 ta' Ottubru, 1944, il-Ħamrun u fil-funeral tiegħu attendew diversi rappreżentanti ta' diversi għaqdiet mużikali biex jagħtuh l-aħħar tislima.

Għalkemm ġa għaddew ħamsin sena minn mewtu Mro Anton Miruzzi għadu magħna permess tal-kompożizzjonijiet mużikali li ħallielna; uħud minnhom għadhom jindaqqu sallum.

Fil-Ħamrun kif ukoll fil-Mosta nsibu toroq imsemmija għal dan il-kompożitur Malti li matul ħajtu għamel dak kollu possibbli biex ixerred it-tagħlim ta' l-arti mużikali f'pajjiżna u li wkoll għamel ġieħ lilu u lil pajjiżu meta l-kompożizzjonijiet mużikali tiegħu ġew ippremjati f'konkorsi mużikali barra minn Malta.

*Riferenzi*

1. Is-Sur Grazio A. Grech qalilna li l-informazzjoni li fis-snin għoxrin Mro Anton Miruzzi kien direttur tal-Banda L-ASSUNTA tal-Mosta, hi meħuda mill-GUIDA GENERALE DI MALTA E GOZO ta' Giovanni Muskat għas-snin 1920 p. 220, 1922/23 p. 300 u għas-sena 1925 p. 354. Madankollu l-istoriku Mosti, E.B. VELLA, meta fl-1930 ktieb STORJA TAL-MOSTA BIL-KNISJA TAGĦHA indika f'paġna 260 li l-Banda SANTA MARIJA kienet teżisti bejn l-1905 u l-1911. Jidher, għalhekk, li hemm bżonn ta' aktar riċerki dwar din il-ħaġa.

*Il-Bord Editorjali.*